# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI FAMILJA

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (ĊARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 16 ta' Diċembru 2022**

**Rikors numru: 32/2022 BS**

**DB**

**-vs-**

**NB**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors tal-attur DB illi ppremetta:**

1. ILLI huwa żżewweġ lill-Intimata NB nhar l-erbgha (4) t'Awwissu elfejn u sebgħa (2007), u dan kif jidher miċ-Ċertifikat taż-Żwieġ hawn anness u mmarkat bħala 'Dokument A'. Illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt ulied, [j]iġifieri AB li twieled fit-Tnejn u għoxrin (22) ta' Lulju elfejn u tmienja (2008), u IB [sic] li twieled fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu elfejn u għaxra (2010);

2. ILLI dan iż-żwieġ ma rnexxiex u l-partijiet isseparaw ai termini ta' kuntratt ta' separazzjoni redatt fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech data[t] nhar is-sittax (16) ta' Ottubru elfejn u għoxrin (2020), u dan il-kuntratt qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala 'Dokument B';

3. ILLI minn dakinhar sal-lum il-partijiet qatt ma reġgħu rrikonċiljaw u dejjem għexu separatament;

4. ILLI ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment bejn il-partijiet;

5. ILLI r-rikorrent irid illi dan iż-żwieġ jiġi maħlul permezz ta' divorzju li għandhu [sic] jiġi ppronunzjat minn dina l-Onorabbli Qorti.

**Talab lil din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-kontendenti u tiddikjara bħala maħlul [i]ż-żwieġ ċelebrat bejn il-kontendenti nhar l-erbgħa (4) t'Awwissu elfejn u sebgħa (2007); u

2. Tordna lir-Reġistratur tagħha sabiex entro terminu qasir iffis[s]at minnha jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku Għal Għawdex bid-deċiżjoni tagħha ai termini tas-sub-inċiż erbgħa (4) tal-Artikolu sitta u sittin 'A' (66A) tal-Kodiċi Ċivili (Kap XVI tal-Liġijiet ta' Malta).

Bl-ispejjeż kollha u bl-inġunzjoni tal-intimata minn issa għas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta tal-konvenuta NBG illi eċċepiet:**

1. ILLI din ir-risposta qed issir għar-rikors tar-rikorrent ippreżentat fit-23 ta' Settembru 2022 fejn l-istess rikorrent qed jitlob id-divorzju taż-żwieg kontrattat bejn iż-żewġ partijiet;

2. ILLI hija tiddikjara illi di prinċipju hija m'għandha xejn kontra u ma topponix it-talba sabiex jiġi ppronunzjat id-divorzju bejnha u bejn ir-rikorrenti;

3. MADANAKOLLU l-esponenti tissottometti li hija m'għandhiex tbagħti [sic] l-ebda spejjeż konnessi ma' dawn il-proċeduri, in kwantu hija m'għandha l-ebda interess biex jiġi ottjenut tali divorzju;

4. GĦALDAQSTANT, f'każ li t-talba rikorrenti tiġi milqugħa, ir-rikorrenti għandu jiġi kundannat biex jħallas [sic] l-ispejjeż kollha relatati ma' dawn il-proċeduri.

**Il-Qorti;**

**Rat** ir-rikors ġuramentat tal-attur;

**Rat** ir-risposta tal-konvenuta nomine li biha ddikjarat li taqbel mal-premessi tal-attur u li mhux qed topponi t-talba *purché* hija ma għandhiex tkun responsabbli għall-ispejjeż ta' din l-istanza;

**Fliet** id-dokumenti u l-atti kollha;

**Rat** l-Artikoli 66A, 66B, 66Ċ tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Rat** illi l-kondizzjonijiet meħtieġa għad-divorzju ġew kollha sodisfatti. Infatti rriżulta li l-partijiet isseparaw bonarjament b'kuntratt pubbliku fis-sena 2020;

Mix-xhieda mogħtija mill-konvenuta fis-seduta tas-6 ta' Diċembru, 2022, jirriżulta illi ma hemmx pendenzi bejniethom. Il-konvenuta ddikjarat ukoll li ma hemm l-ebda prospett raġonevoli li jirrikonċiljaw.

**Rat** ukoll illi fir-risposta tagħha l-konvenuta mhux qed topponi t-talba iżda topponi li tħallas l-ispejjeż tal-istess;

**Decide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur u filwaqt li tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien xahar mil-lum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Spejjeż għandhom jitħallsu interament mill-attur.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur